**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru, sitta u tletin (36) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nzammet nhar is-17 ta' Frar, 2015, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| | | |
| SKUZAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Il-laqgħa kienet preseduta minn Charlene Zammit li qalet it-talba.

2. Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu diskussi, korretti u amendati kif xtaqu l-kunsillieri skont kif jidher fuq il-kopja oriġinali u inizjalati minn Charlene Zammit u s-SE.

3. Is-SE qal li mil-laqgħa li għaddiet s'issa kien hemm żviluppi fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba billi hu irċieva l-ittra tar-riżenja mis-Sindku, is-Sur Nicholas Briffa. Dak in-nhar stess informa lis-Segretarju Parlamentari, lid-Dipartiment Gvern Lokali u lill-Kummissarju Elettorali Prinċipali, u skatta l-proċess tal-*Bye-Elections* biex timtela' l-vakanza li ħalla Nicholas Briffa. Għal dawn il-*Bye-Elections* tefgħu in-nomini Anita Farrugia u Marvin Briffa u eventwalment telgħet Anita Farrugia. Dan ġara propju lejlet din il-laqgħa u SE mill-ewwel ċempel lil Anita Farrugia u bagħtilha *e-mail* sabiex tkun infurmata bil-laqgħa tal-llejla għaliex ħabat kollox malajr. Intant is-SE irċieva l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Charlene Zammit bħala Sindku, ta' Grace Marie Mallia bħala Deputat Sindku u ta' Anita Farrugia bħala kunsillier. Huwa ta erba' kopji tal-Ġurament tal-Ħatra tagħhom sabiex dawn ikunu iffirmati minnhom fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja filwaqt li qal illi dan jistgħu jagħmluh per ezempju qabel xi seduta tat-traffiku fir-Reġjun ta' Ħal Qormi, peress li jkun hemm Kummissarju tal-Ġustizzja spiss.

4. Hawn Grace Marie Mallia qalet illi hija xtaqet tressaq Vot ta' Ringrazzjament lill-eks is-Sindku, Nicholas Briffa. Dan kien issekondat minn Charlene Zammit. Grace Marie Mallia qalet illi taħseb li bla dubju Nicholas Briffa ħadem ħafna biex ir-raħal ikun isbaħ u aħjar milli hu għal tant żmien fil-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn kulħadd filwaqt li Charlene Zammit qalet illi fost l-Imqabbin ma kienx hemm dubju li Nicholas Briffa wettaq xogħol utli għal kulħadd u issa dan il-Kunsill irid ikompli jimxi fuq il-passi tiegħu, li dejjem ġab l-interessi tar-raħal fuq quddiem nett.

5. Dwar il-kaxxa tal-elettriku li fil-Milied kien qed jinxtgħel biha is-sett tan-Nativita' fi Triq Karmenu Ciantar, is-SE qal li minn informazzjoni li għandna din kienet ta' Soċjeta' Mużikali u skont *e-mail* li bagħat anke kopja tagħha lill-kunsillieri, il-kirja ta' waħda minnhom mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill tiswa' €85.

6. Dwar il-lampi fil-Milied li kien hemm maqtugħin minn mal-fistun tad-dekorazzjonijiet fil-Pjazza tal-Knisja, inżammet laqgħa mas-Soċjetajiet Muzikali u tkellimna magħhom mhux biss fuq din il-materja iżda wkoll dwar oqsma oħra komuni għaż-żewġ naħat. Is-suġġett tal-laqgħa msemmija jinsab fuq l-agenda tal-llejla fil-waqt li s-SE ħa il-minuti tagħha u ta kopja pprintjata lil kull kunsillier f'din il-laqgħa stess.

7. Intant Charlene Zammit semmiet punt, illi ħafna mill-lampi li hemm fi Triq Karmenu Ciantar fil-fanali dekorattivi huma kollha maqtugħin. Is-SE se jqabbad lill-kuntrattur u jara x'hemm bżonn li jsir.

8. Dwar il-ħafna dlam li hemm f'Tax-Xatba l-Ħamra, propju fi sqaq rurali, Charlene Zammit qalet illi hawn jinħtieġ li jkun estiż id-dawl elettriku tal-*istreet lighting* peress li diġa' hemm l-arbli. Is-SE qal li irridu niċċekkjaw jekk hemmx linja tal-*istreet lighting* għaliex fin-nuqqas tagħha, din tkun trid tiġi estiża mill-Korporazzjoni Enemalta.

9. Dwar il-proposta biex jitqaċċtu s-siġar li hemm fil-pjazza quddiem iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop, Charlene Zammit qalet li kien hemm min qal li jkun jista' jagħmilhomlna bi €300. Is-SE qal li l-importanti hu li l-kuntrattur jieħu l-faxxina u ma jħallix friegħi fit-triq.

10. Ir-rappreżentanti tas-Soċjetajiet Mużikali qalu illi l-istedina li saritilhom biex jattendu għal-laqgħa pubblika, mill-uffiċċju tagħna, waslitilhom tard. Dan qaluh fil-laqgħa li saret magħhom dwar il-materji li xtaq jitkellem dwarhom il-KLM. Intant il-laqgħa pubblika saret u kienet waħda ta' suċċess mil-lat ta' attendenza u anke kif żvolġiet l-istess laqgħa.

11. Dwar il-linji telefoniċi fl-uffiċċju, is-SE qal illi l-kuntrattur li kien ħadem fuq l-installar tat-telefonija u l-elettriku fl-uffiċċju, *Alberta Fire and Security,* m'għadux jieħu ħsieb ix-xogħol fuq il-PABX għaliex fil-verita' dawn stqarrew miegħu li kienu taw il-kuntratt lil ħaddieħor (sub-contracting). Intant meta ġie uffiċjal li ssuġġerwlu huma, minn *Tenovar Ltd,* dan qal illi din il-PABX mhix minn tagħhom u ma jistax jaħdem fuqha għaliex huma m'għandhomx is-*software* tagħha, liema *cd* qatt ma kienet disponibbli fil-KLM. Intant is-SE qal illi issa il-*fax* m'għadiex taħdem u l-linja 21680606 qed tintuza bħala linja telefonika oħra li mhux possibbli ċċempel minn fuqha – nirċievu biss. Għall-mistoqsija li saret li ħadd ma jaf biha, is-SE qal illi llum stess hu irċieva talba għal *bulky refuse* minn residenta ta' Triq it-Troll. Madankollu Charlene Zammit ipproponiet xorta li tidħol il-linja 27680622 hekk kif ikun ikklerjat il-fatt li mal-Melita m'hemmx kontijiet pendenti ġaladarba id-Dipartiment qed iħallas hu il-kontijiet tal-live streaming biex inkunu nistgħu nagħmlu il-*live streaming* tal-laqgħat tal-KLM kif propju qed isir bħal issa. L-Għan ta' din il-linja huwa li naqdu bl-aħjar mod anke lil dawk li jużaw is-servizz tat-telefonija tal-Melita u jċemplu b'xejn fuq numri oħra tal-Melita. Charlene qalet ukoll li tixtieq illi tkun introdotta sistema ta' *call waiting* billi tkun irrekordjata vuċi li titlob lil min iċempel iżomm il-linja sakemm jaqtgħu telefonati oħra li nkunu qed nirċievu, għax b'hekk ir-residenti ma jsibux il-linji okkupati meta jċemplu, u ma jaħsbux li ma rridux inweġbuhom.

12. Grace Marie Mallia qalet illi din ukoll xi kull tant tiffrustra n-nies illi jkunu qed iħallsu ta' telefonata illi fil-verita' ma jkunu qed jitkellmu ma ħadd, filwaqt li Anita

Farrugia qalet li hija taqbel li ssir linja oħra tal-Melita biex min hu mqabbad fuq din is-sistema jkun jista' jċempel b'xejn.

13. Dwar il-proposta li ningaġġaw *inmates* mil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin,magħna biex nagħtuhom iċ-ċans illi dawn jaħdmu fil-komunita', is-SE qal illi kellna nħassru l-laqgħa ta' għada fil-għodu peress li hu se jkun ġurnata sħiħa kors obbligatorju mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali filwaqt li se naraw x'inhuma l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti li għandhom dawn preżentement. F'dan il-waqt, Grace Marie Mallia qalet illi għandna nagħmlu l-affarijiet b'kawtela għax ma rridux nallarmaw ir-raħal bil-prezenza tagħhom fostna filwaqt li Anita Farrugia qalet illi hija taqbel ma' l-iskema ta' xogħol komunitarju filwaqt li l-*inmates* ikunu ta' kondotta mhux wisq imtebba'. Charlene Zammit qalet illi meta morna nzuruhom f'Kordin, sirna nafu illi kien hemm wieħed minn fosthom illi xtaq jgħallem lil min ma jafx, u l-awtoritajiet tal-ħabs ma tawhx il-possibilita' li jagħmel dan, għax m'għandux il-*warrant* ta' għalliem. Hija sostniet li jekk ninfurmaw lill-Imqabbin li dawn in-nies tassew ikunu qed jirriformaw ruħhom, nistgħu nibbenifikaw mis-servizzi tagħhom fil-komunita' filwaqt li ngħinuhom jintegraw fis-soċjeta' mill-ġdid.

14. B'riferenza għall-applikazzjoni tagħna dwar il-Proġetti Kapitali, is-Sindku irreferiet għal-laqgħa tal-ġurnata ta' qabel li kellhom hija u s-SE mal-Kumitat tal-Għazla. Hija qalet illi l-ideja li nkomplu niżviluppaw il-bandli *f'reading area* ma tantx niżlet tajjeb mal-membri tal-*board* għaliex dawn sostnew illi ġaladarba l-proġett hu lest, m'hemmx għalfejn jintefqu dawk l-eluf kollha li indika l-perit fuq l-applikazzjoni. Madankollu hemm tama illi l-proġett tal-ġibjun, cioe' taċ-Ċentru Ċiviku, minkejja li dan jiswa' probabbli aktar minn kemm hemm fondi disponibbli f'dan il-fond, jidher li ntlaqgħet tajjeb, jew aħjar parti sostanzjali minnha, jiġifieri li l-ġibjun jissaqqaf. Charlene Zammit qalet li l-ġibjun il-ġdid jidher li għad fadal proċess sħiħ xi jsir peress li l-art ma nafux ta' min hija eżatt u din tkun trid tittieħed mill-Gvern *b'expropriation.* Għall-mistoqsijiet li bdew jistaqsu l-membri tal-*board,* is-SE qal li talab *breakdowns* tal-ispejjeż u aktar dettalji mingħand il-Perit William Lewis, li mlielna l-applikazzjonijiet. Dwar il-ġibjun il-miftuħ, intqal illi filwaqt li dan għandu jitgħatta, wieħed irid iġib quddiem għajnejh jekk hux se jinqasam min-nofs bil-ħitan biex titnaqqas l-*ispan*, u wkoll jieħu in konsiderazzjoni x'se jsir fuqu jekk hux bini jew *pitch* tal-boċċi ecc. Michel Farrugia qal li dan hu mibni fuq il-blat, filwaqt li Charlene Zammit qalet li l-importanti hu li nġibu l-fondi ħalli niżviluppawh u mhux inħalluh mitluq kif inhu. Intant is-SE se jara li l-ħaddiema tagħna jistgħux jirranġaw ix-xibka mqatta' u jekk kif veru intqal fil-laqgħa pubblika tal-lokalita' jista' jgħaddi bniedem, għandna nagħmlu minn kollox sabiex innaqsu mill-periklu.

15. Dwar il-ħanut fil-by-pass, li jissemma' fil-laqgħa preċedenti, kemm-il darba li jitolbuna l-opinjoni tagħna l-awtoritajiet, se tkun dik espressa fil-minuti li għadhom kemm kienu approvati.

16. Dwar il-proposta tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sabiex jitwaqqaf Kumitat tal-Finanzi, Charlene Zammit qalet illi din, tassattiva jew m'hix, se żżid il-burokrazija tal-Kunsill u wkoll il-fatt illi la s-Sindku, la s-SE u anqas ħadd mill-kunsillieri m'hu *accountant*, bit-twaqqif tal-kumitat, bil-fors se jkun hemm bżonn li jitħallas *accountant* ta' kemm-il darba jpoġġi fil-laqgħat. Il-kunsillieri unanimament ma qablux ma' din il-proposta għaliex aktar se tgħarraq is-sitwazzjoni finanzjarja milli ssolviha.

Dan għaliex fil-KLM hemm kunsillieri li għandhom *background* finanzjarju u intqal li sakemm insibu *accountant* li forsi jkun lest li jagħmel dan ix-xogħol fuq bażi volontarja fuq il-Kumitat imsemmi, l-KLM iddeċieda li ma' jwaqqafx dan il-kumitat. Hawn kien diskuss id-dejn li għandu l-KLM u dwar il-proġett tal-bandli s-Sindku qalet illi għandna ftehim li dawn jinqatgħu €2,000 fix-xahar, filwaqt li Anita Farrugia issorprendiet ruħha bl-ammont minfuq fil-bandli. Intant mal-Asfaltar Ltd, Charlene Zammit qalet illi għandna ftehim li naqtgħu €10,000 kull tliet xhur.

17. Kienu approvati l-*financial statements 2014* u l-estimi finanzjarji 2015 u saru xi korrezzjonijiet fuq ir-rapport finanzjarju għar-raba' kwart 2014. Dan tal-aħħar, se jerġa' jkun mgħoddi lill-kunsillieri mis-SE fil-laqgħa li jmiss, flimkien mar-rapport amministrattiv.

18. Il-laqgħa pubblika li nżammet nhar it-3 ta' Frar, fl-Isptar il-Qadim, kienet deskritta bħala waħda pożittiva u ntqal li probabbli l-kampanja pubbliċitarja bil-karti li qassamna fid-djar, ħadmet. Intant f'din il-laqgħa, li l-minuti tagħha kienu mogħtija lill-kunsillieri mis-SE (hard copies) iffukat l-aktar fuq il-problema tal-għargħar speċjalment fi Triq George Martin, li l-KLM kien kiteb dwarha u issa erġajna bagħtna *reminder* fuqha u postijiet oħrajn bħall-Pjazza tal-Knisja u l-Matla. Madankollu kienu msemmija il-proposta sabiex iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija faċċata ta' Triq l-Imterrqa, tkun konvertita *f'Pellican Crossing*, il-bżonn li *Transport Malta* joħolqu refuġju u mezz kif wieħed jaqsam b'serħan il-moħħ fl-istess triq faċċata ta' Triq Karmenu Ciantar, il-proposta ta' *average speed camera* dejjem fl-istess triq, il-possibilta' li Triq il-Konvoj ta' Santa Marija tingħata it-tarmak u proposta ta' *zebra crossing* ġdida f'tas-Sejba, fost l-oħrajn.

19. Grace Marie Mallia qalet illi għall-*buffet breakfast*, il-kunsill ma ħariġx flus biex dan kien organizzat. Fiċ-ċirkustanza li qiegħdin, fil-bidu ta' sena ġdida, hija qalet illi hemm bżonn li jsir kalendarju tal-attivitajiet ħalli wieħed ikun jista' jippjana aħjar. Intant hija pproponiet illi jsir *buffet breakfast* ieħor fl-aħħar ta' April biex imbgħad f'Mejju jsiru iż-żewġ ħarġiet għal Għawdex u f'Ġunju ħarġa għal Sqallija. Charlene Zammit qalet illi hi tipproponi illi jsir *week end break* wara l-Għid il-Kbir mhux il-*buffet breakfast* biss, filwaqt li Anita Farrugia qalet illi nistgħu immorru Taormina, Bari u/jew Asissi, dejjem bl-ajru. Madankollu kien deċiż illi l-ewwel attivita' tkun dik tas-7 ta' Marzu, f'Jum il-Mara, għaliex f'April hemm ir-referendum. Eżatt wara r-referendum se nippruvaw norganizzaw il-*week end break,* possibilment bejn is-17 u d-19 ta' April, fuq bażi ta' *half board*. Michel Farrugia issuġġerixxa li niċċekkjaw mal-*Montekristo Estates* dwar il-*Coffee Morning* minħabba l-esebizzjoni taż-żwiemel u l-prezzijiet vantaġġjuzi.

20. F'punti oħra, intqal illi n-*notice boards* iridu jiġu aġġornati għaliex dawn jarawhom ħafna nies, speċjalment dak ta' quddiem l-iskola, u ta' Triq Karmenu Ciantar li jinsab fejn il-*bus-stop.*

21. Grace Marie Mallia qalet ukoll illi l-bankina quddiem ir-residenza *Tesaurus*, fi Triq Valletta hemm bżonn li jinbidlulha żewġ kurduniet filwaqt li Anita Farrugia qalet illi fil-parti d-dejqa f'din it-triq m'hemmx *yellow line* u imbgħad fejn hemm il-wisa' hemm żewġ partijiet li fihom. Hawn intqal li hemm problema bil-parkeġġ f'dan is-sit

u Charlene Zammit qalet illi irid ikun hemm maniġġjar tat-traffiku aħjar f'din it-triq, għalhekk ser nikkuntattjaw lil-Transport Malta.

22. Kienu approvati l-payment approval Sheet numru 494.

23. Il-laqgħa ntemmet fid-21:25pm u l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-3 ta' Marzu, 2015 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 02/03/2015 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |